Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke,
Mgarr, MGR 1501, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : **www.mgarr.gov.mt***

# Seduta numru 43. Illum l-Erbgha, 1 ta' Ottubru 2008

## MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 11 ta' Marzu 2006, ltaqghu fl-Ufficcju Amministrattiv fis-6.30 p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

***Approvazzjoni tal-Minuti***
***Korrispondenza***
**Komunikazzjonijiet mis-Sindku**
**Offerta ghall-Provvista ta' Aluminium ghall-estensjoni ta' l-Ufficcju amministrattiv**
**Offerta ghal Provvista ta' Konkos**
**Gemellagg mal-Comune di Mathi (To)**
**Post ta' Skrivan/Skrivana mal-Kunsill**
**Affarijiet Mixxellanji**

## PREZENTI

Is-Sindku Paul Vella, Il-Vici Sindku Giovanni Gatt,
Il-Kunsillier Victoria Sammut, il-Kunsillier David Battistino

## ASSENTI

Il-Kunsillier Agostino Ebejer, minhabba ragunijiet ta' sahha.

Il-Laqgha giet immexxija mis-Sindku.

## MINUTI

### 356.0 Tender ghall-Provvista ta' Aluminium

356.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qrat l-ittra ta' rakkomandazzjoni mill-Perit in konnessjoni ma din l-offerta. Il-Perit spjega kif il-kumpanija Alucare Mosta Ltd. kellha l-orhos prezz mit-tliet sottomissjonijiet, izda minhabba li din il-kumpanija offriet alternattiva ghall-Item principali tat-tender, din giet skwalifikata u l-Perit kien tal-parir li tinghazel l-offerta ta' Framegrip Ltd. peress li kienet l-orhos offerta skond ir-rekwiziti ta' l-offerta.

356.2 Is-Sindku ma ppartecipax fid-diskussjoni minhabba l-interess familjari fil-kumpanija Framegrip.

356.3 Il-Kunsillier Victoria Sammut ghaddiet mozzjoni biex fid-dawl tar-rakkomandazzjoni tal-Perit, tinghazel l-offerta ta' Framegrip Ltd. Il-Vici Sindku Giovanni Gatt issekonda l-mozzjoni. Kien hemm qbil unanimu li l-offerta tinghata lill-kumpanija Framegrip.

### 357.0 Post ta' Skrivan/a mal-Kunsill

357.1 Il-Kunsill hejja l-Intervisti ghal post ta' skrivan/a mal-Kunsill mil-lista fuq part 3 ta' l-ETC. Il-Bord ta' l-ghazla kien iffurmat mis-Sindku, il-Kunsillier Agostino Ebejer u s-Segretarju Ezekuttiv. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li mill-kandidati li gew intervistati, l-ebda minnhom ma' inghazel minhabba nuqqas ta' esperjenza f'dan ix-xoghol.

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke,
Mgarr, MGR 1501, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*

357.2 Is-Sindku ppropona li fid-dawl ta' dan ir-rizultat, l-post ta' clerk jigi rriklamat fuq il-gazzetti lokali, kif ukoll fil-gazzetta tal-Gvern. Il-Kunsill qabel.

**358.0 Gemellagg mal-Comune di Mathi**

358.1 Il-Kunsillier David Battistino ppropona li fid-dawl li tnejn mill-Kunsilliera f'Mathi huma ghalliema, il-Gemellagg fil-lokalita ta' l-Imgarr isir waqt il-vakanzi, jigifieri, bejn l-1 ta' Mejju u t-3 ta' Mejju 2009. Il-Vici Sindku Giovanni Gatt issekonda. Kien hemm qbil unanimu f'dan ir-rigward.

358.2 Il-Kunsill se jitkellem ma' l-ghaqdiet tar-rahal biex ikunu nvoluti fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment.

358.3 Il-laqgha ntemmet fit-8.00p.m.

358.4 Is-Sindku sejjah laqgha tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 14 ta' Ottubru 2008 fis-6.30p.m.

Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku